**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 68

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 68 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 12 ta' Settembru 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut
Segretarju Ezekuttiv

5 ta'Settembru,2023

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Stephen Cremona — Kunsillier

Skużati

- Anthony Delia — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**68.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsilliera Anthony Delia, Anne Fenech u Mary Borg.

**68.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (67)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 67 bil-Kunsillier Paul Bugeja jissekonda l-mozzjoni.
Il-minuti ġew approvati kif tressqu.

**68.3 Punti mill-Minuti**

- **Ħajt imġarraf fi Triq San Ġorġ**

  L-avukat tal-kunsill ma kienx tal-parir li jiddaħħal rikors fl-atti tal-kawża. Ippropona, li ssir ittra uffiċċjali li tinforma li huwa fl-interess ta'sid li jneħħi l-vettura għax jekk ma jneħħix se jinżamm risponsabbli għal kwalunkwe danni. Il-kunsill qabel nem.com ma dak issuġġerit mill-avukat.

- **Kawża Salaheddin Said - Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

  18/08/2023 – L-Avukat tal-kunsill bagħat kopja tar-risposta li se tiddaħħal il-qorti.

- **Rinovar Pjazza Buġibba**

  18/08/2023 – MTA infurmat li l-pjan huwa li x-xogħolijiet jibdew għal aħħar ta' Ottubru 2023. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li hu nfurmat li fil-preżent għaddejjin diskussjonijiet ma sidien tan-negozju fl-akkwati biex ix-xogħolijiet jibdew aktar tard.

- **Ex-Mistra Village PA/6747/18 - PA/06236/08 – rikjesta għall-Hoarding wall**

  L-Awtorita ta' l-Ippjanar infurmat, li hemm permess ta' żvilupp validu fuq is-sit tal-eks Mistra Village fix-Xemxija (PA6747/18). Dan il-permess huwa validu sas-6 ta' Frar, 2024. Billi dan il-permess ta' żvilupp mhuwiex sospiż, u lanqas revokat, xogħlijiet relatati mal-imsemmi permess jistgħu jipproċedu minkejja li jkun hemm appell pendenti. Għalhekk, il-kunsill ma sabx oġġezzjoni biex isir hoarding fi Triq Katerina Vitale u Triq il-Fuħħar.

**68.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- **Attivita Destination North**

  L-attivita li se tinżamm bejn 22-24 ta' Settembru 2023 qed issir b'appoġġ ta' diversi Ambaxxati u sostenn finanzjarju minn negozji li l-maġġorparti huma lokali.
  Il-kunsill irringrazzjahom ta' l-appoġġ.

- **Għaqda Qawra Salini Sidien tad-Dgħajjes**

  19/07/2023 – L-Għaqda inkwistjoni ġiet irreġistrata VO bir-reġistrazzjoni 2447.

- **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

  Għalkemm inħarġu diversi sejħiet pubbliċi, ħadd ma wera interess fil-kariga. Il-kunsill qabel li jistaqsi lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jingħata direzzjoni.

- **Kontravenzjonijiet relatati ma l-ambjent**

  3/08/2023 Il-LESA infurmat b'mod uffiċċjali, li mill-1/01/2023 sa 02/08/2023 inħarġu 131 kontravenzjoni marbuta ma l-Ambjent.

4/08/2023 ERA, infurmat li cirka ta’ 130 kontravenzjoni marbuta ma l-Ambjent inħarġu fl-ewwel 6 xhur tas-sena 2023.

Is-Sindku qal, li l-figuri jitkellmu waħedhom. L-ironija hi, li wara li l-kunsilli tneħħitilhom ir-risponsabilita ta’ l-infurzar ta’ liġijiet kif ukoll dik tal-ġbir ta’ l-iskart minn idejhom, intalab biex joħroġ fit-toroq jgħin fl-infurzar ta’ liġijiet. Evidenti, il-falliment ta’ l-infurzar.

- **World Clean up Day**

  Il-kunsill se jkun qiegħed jorganizza cleanup fis-16 ta’ Settembru 2023 fi Triq il-Port Ruman bil-parteċipazzjoni tal-Grupp Volontarju Green Waves.

- **Filming:** fi Triq Andrew Cunningham u Triq Louis Mountbatten
  fi Triq il-Madonna ta’ l-Abbandunati
  fil-Qawra max-Xatt

  Il-kunsill approva r-rikjesti mressqa bis-segwenti kundizzjonijiet;

  1. Dati 13/11/2023 sas-17/11/2023

     30/10/2023 sa l-1/11/2023 u 6/11/2023 sa 7/11/2023 rispettivament.

  2. Ma isirx ipparkjar u għeluq ta’ toroq kif indikat f’dokument A.
  3. Tingħata donazzjoni diċenti u li jsir dak kollu possibbli biex ir-residenti u n-negozji taż-żona jintlaqtu negattivament mill-anqas.

- **PRISMS Malta NGO**

  Il-kunsill approva li jipparteċipa“*fl-Intercultural Inclusion Dinner*”. Dan billi jipprovdi mwejjed u siġġijiet ċirka għal 100 persuna u li jgħin biex possibilment jinstab post biex jintuża bħala kċina.

**68.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**68.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

Ma kien hemm l-ebda rapport x’jitressaq.

**68.7 Garaxx ta’ Burmarrad**

B’referenza għal kuntratt li mifhum li qatt ma ġie mġedded, imma l-kirja baqet għaddejja għal użu ta’ workshop/store, il-kunsill unanimament qabel, biex l-istess lok li għadu ferm utili għal ħtiġijiet diversi, issir kontinwazzjoni tal-kirja eżistenti għas-somma ta’ elf euro fix-xhar mill-ewwel ta’ Awwissu 2023 b’durata minima ta’ 5 snin. Bil-kera tiżdied 5% fis-sena.

**68.8 Rikjesta stawa għad-unur il-kantant u kompożitur Freddie Portelli**

Marco Briffa, f’isem kumitat imwaqqaf apposta, ressaq rikjesta biex il-kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex statwa tal-kantant u kompożitur Freddie Portelli skolpita bl-idejn minn l-iskultur Anġelo Agius titqiegħed f’San Pawl. Il-kunsill qabel mal-proposta u approva baġit massimu ta’€5,000 għal lis-spejjeż relatati ma l-permessi u dak meħtieġ.

**68.9 Parkeġġ Kulleġġ Maria Reġina, Qawra**

Il-Kunsill qabel li l-parkeġġ għandu jinfetah bla ħlas mill-ħaddiema tal-kunsill u billi jinxtara servizz ta’ uffiċċjal fl-anqas żmien possibbli. Dan għall-fatt li l-Bye-Law meħtieġa għada ma ġietx approvata. Spiża relatata mal-pagi u xiri ta’ servizzi mistennija li tleħħaq ċirka €85,000 + VAT fis-sena.

## 68.10 Proġett Burmarrad Playground

Is-Sindku ta' informazzjoni dwar il-proġett fejn qal li mhux kuntent kif mexjin l-affarijiet, kemm mill-att ta' kwalita' kif ukoll mis-superviżżjoni. Informa, li hu personalment ġibed l-attenzjoni għal diversi nuqqasijiet minkejja li hemm Project Maniger risponsabbli mix-xogħolijiet. Qal li fl-iskeda tal-pagamenti se jissuġġerixxi li l-kunsill iżomm persentaġġ mis-somma dovuta skond il-kuntratt iffirmat sakemm isiru x-xogħolijiet neċessarji. Il-kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

## 68.11 Proġett Triq Cassarino Playground

Ingħatat informazzjoni dwar il-proġett, fejn intqal li minkejja li ż-żmien tat-tlestija wasal biex jiskadi x-xogħol qiegħed lura ferm. Skond il-kuntrattur, id-data l-ġdida tat-tlestija hi l-aħħar ta' Frar 2024. Il-kunsill qabel li jinżamm persentaġġ mis-somma dovuta skond dak li jiddetta l-kuntratt iffirmat.

## 68.12 Affarijiet Oħra

### *68.12.1* ***Riklamar tat-Toroq***

Il-Kunsill approva r-rakomandazzjoni mressqa mill-Kunsilliera Paul Bugeja u Anthony Delia dwar 67 lokazzjoni minn 80 allokati li Akkwarjum Nazzjonali għal-prezz ta' €6,000 fis-sena għal 5 snin mill-iffirmar tal-ftehim.

Dwar klawsola 10 ta' l-istess ftehim ("*Xejn ma jżomm lill-Kunsill li jagħmel rikjesta biex riklam/avviż jitressaq mill-lokazzjoni tiegħu")* il-kunsill jifhem, li 15 il-jum avviżż bil-quddiem huwa żmien biżżejjed biex riklam jiġi spustjat f'lokazzjoni ndikata oħra.

### *68.12.2* ***WI-FI żona Qawra Futbol Grawnd***

Il-Kunsill approva li s-servizz indikat għandu jibqa jiġi offrut mill-kunsill fejn jintalab rimborż ta' lis-spejjes lid-Dipartiment kif ssuġġerit.

### *68.12.3* ***PA/02294/23*** *Kiosk, Triq il-Mosta c/w, Triq il-Kahli, San Pawl il-Bahar*

*Change of use of kiosk from Class 4B to a take-away of pre-packed food.*

Il-Kunsill qabel li tiddaħħal oġġezzjoni għall-applikazzjoni mressqa

### *68.12.4* ***PA/07387/22*** *Triq ir-Rumani,is-Sardin, Triq Papa Gwanni Pawlu, Burmarrad*

*Development of 109 Apartments and 4 commercial outlets, including landscaping and underground parking facilities.*

Il-Kunsill qabel li tiddaħħal rappreżentazzjoni biex il-proġett ikun segwit u li l-perit jgħati r-rakomandazzjoni tiegħu.

### *68.12.5* ***Servizz ta' knies ta' toroq u tbattil ta'reċipjenti ta' l-iskart***

Il-kunsill qabel, li jilqa' r-rikjesta mressqa mill-kuntrattur SSCS biex mill-1 ta' Ottubru 2023 il-kumpanija tiegħu tkun risponsabbli għat-tindif u tbattil tar-reċipjenti kollha ta' l-iskart madwar il-lokalita' u ġbir ta' annimali żgħar mejta biss għall-prezz ridott ta' €6,000 fis-sena VAT inkluż. Din id-deċiżżjoni ttieħdet fid-dawl taż-żieda enormi fil-prezz ta' rimi ta' skart imħallat u fid-dawl tal-volum kbir ta'reċipjenti ta' l-iskart li ġew installati ġodda.

### *68.12.6* ***Youth exchange u Training Courses***

*L-applikazzjonijiet għat-Training Course ġie approvat u l-kunsill se jibbenifika minn somma ta' 15,000 Euro. Re-applikazzjoni Youth Exchange din qeda fir-reserved list.*

**68.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**

*68.13.01* ***Safety Barriers***
*Il-kunsill approva x-xiri ta' 40 Safety Barriers għall-prezz ta' €3,068 VAT inkluż.*

*68.13.02* ***Servizz ta' Avukat***
*Kaġun li l-invoice waslet jum biss tard wara li ntbagħtet lis-skeda tal-pagamenti, il-kunsill approva li l-ħlas dovut isir xorta skond ir-rati miftehma tal-kuntratt iffirmat.*

*68.13.03* ***Tranġar ta' ħitan perikolużi fi Triq il-Korp tal-Pijunieri***

*Il-kunsill approva baġit ta' €3,600 għat-tiswija ta' ħitan, tneħħija ta' materjal, tneħħija ta' siġar invażivi, skond deċiżjoni meħuda mill-istess kunsill.*

*68.13.04* ***Ħarġa għal anzjani***

*Il-kunsill approva li jissussidja nofs il-prezz (€5) tal-ħarġa għal anzjani b'ID fuq il-lokalita ta' Ottubru 2023 u jagħmel tajjeb ukoll għat-trasport.*

**68.14 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti Nru : 8**

Il-kunsill qabel li l-pagamenti **781, 863-863.03, 902-902.01, 909-901.01** u/jew parti minhom jibqaw pendenti temporanjament sakemm ix-xogħolijiet marbuta magħhom ikunu għas-sodisfazzjoni tal-kunsill.

Re-pagament **856 kera garaxx Burmarrad** – jitħalla wara li jiġi vverifikat jekk it-total għandux ikun **€2,500** minflok **€3,000**.

Il-Kunsillier Alfred Bray u Chris Vella Petroni ipproponew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata. Il-kunsill approva nem.con kif issuġġerit.

**68.15 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.05. u aġġornata għal 12 ta'Ottubru 2023 fil-17.30 hrs

**Approvati fit-12 ta' Ottubru, 2023**

**IFFIRMATI**

________________________

Alfred Grima
Sindku

**IFFIRMATI**

________________________

Marico Sammut
Segretarju Eżekuttiv